PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 41

It-Tlieta, 17 ta' Novembru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

KM MALTA AIRLINES – RETENTION STRATEGY – MIŻURI EWLENIN

358. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jekk KM Malta Airlines għandha retention strategy, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-miżuri ewlenin li qed jiġu implimentati sabiex jinżammu l-ħaddiema b'esperjenza?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 41
17/11/2026

KM MALTA AIRLINES – KUNDIZZJONIJIET TA' XOGĦOL U REMUNERAZZJONI

359. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kundizzjonijiet ta' xogħol u remunerazzjoni offruti minn KM Malta Airlines ġewx ikkomparati ma' dawk offruti minn linji tal-ajru oħra Ewropej li jikkompetu għall-istess piloti?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 41
17/11/2026

KM MALTA AIRLINES – KUNDIZZJONIJIET TA' XOGĦOL U REMUNERAZZJONI – EZERĊIZZJU

360. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jekk il-kundizzjonijiet ta' xogħol u remunerazzjoni offruti minn KM Malta Airlines ġew ikkomparati ma' dawk offruti minn linji tal-ajru oħra Ewropej, jista' l-Ministru jgħid x'kien ir-riżultat ta' dan l-eżerċizzju?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 41
17/11/2026

KM MALTA AIRLINES – KONSULENTI ESTERNI – RISTRUTTURAR

361. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx ingaġġati konsulenti esterni biex jagħtu pariri dwar ir-ristrutturar tal-kundizzjonijiet tal-impjieg jew il-ġestjoni tal-ħaddiema ta' KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 41
17/11/2026

KM MALTA AIRLINES – KONSULENTI ESTERNI

362. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jekk ġew ingaġġati konsulenti esterni biex jagħtu pariri dwar ir-ristrutturar tal-kundizzjonijiet tal-impjieg jew il-ġestjoni tal-ħaddiema ta' KM Malta Airlines, jista' l-Ministru jgħid min huma dawn il-konsulenti u kemm tħallsu?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 41
17/11/2026

KM MALTA AIRLINES – PJAN TAN-NEGOZJU

363. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan tan-negozju ta' KM Malta Airlines għat-tliet snin li ġejjin sabiex il-kumpanija ssir finanzjarjament sostenibbli mingħajr il-ħtieġa ta' aktar injezzjonijiet ta' fondi pubbliċi?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PERSUNI B'DIŻABILITÀ – GĦOTJIET TA' PARKING BAYS RISERVATI

2150. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-proċess li jiġi segwit wara li tiġi approvata mill-Bord applikazzjoni għall-għoti ta' parking bay riservat lil persuni b'diżabilità, inkluż kif tiġi pproċessata t-talba sal-installazzjoni tal-parkeġġ? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-perjodi ta' żmien previsti għal kull stadju?

23/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, l-applikazzjoni tiġi rakkomandata mill-Aġenzija Sapport wara li jsir eżami mediku, uffiċjali tal-Awtorità jagħmlu spezzjoni fuq il-post fil-preżenza tal-applikant sabiex jiġi identifikat l-aktar post adattat.
Wara l-approvazzjoni, tinħareġ ordni lill-kuntrattur sabiex issir is-sinjaletika meħtieġa. F'ċirkostanzi normali, ix-xogħol jitlesta fi żmien tliet ġimgħat mill-ħruġ tal-ordni. Dan il-perjodu jista' jvarja jekk jinqalgħu diffikultajiet biex jinstab post adattat, peress li mhux dejjem ikun possibbli li l-parkeġġ isir quddiem ir-residenza tal-applikant.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PERSUNI B'DIŻABILITÀ – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PARKING BAY RISERVAT APPROVATI

2151. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet għal parking bays riservati għal persuni b'diżabilità li ġew approvati iżda li sal-lum għadhom ma ġewx implimentati?

23/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-31 t'Ottubru 2026 kien għad hemm erbgħa u tletin (34) parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità li huma approvati u qegħdin fil proċess li jkunu implimentati.
Tajjeb li nfakkar li wara li applikazzjoni tkun rakkomandata minn Aġenzija Sapport li l-persuna tkun eliġibbli għal parkeġġ personalizzat, l-Awtorità tkompli bil-proċess permezz ta' spezzjoni u identifikar tal-post fejn ikun jista' jsir il-parkeġġ riservat.
Wara li jsir dan il-proċess jinħareġ avviż lill-kuntrattur sabiex tinżebah l-art u titqiegħed it-tabella fil-post indikat.

Seduta Numru 41
17/11/2026

ESP

2281. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid meta ġie mwaqqaf l-Employee Support Programme (ESP) u x'kienu r-raġunijiet ewlenin li wasslu għat-twaqqif ta' dan is-servizz?

28/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat li l-Employee Support Programme (ESP) beda bħala proġett pilota permezz ta' fondi tal-UE fl-2011 u sar parti mis-Servizz Pubbliku fil-2013. Twaqqaf bl-għan li jipprovdi sapport psikoloġiku u professjonali lill-impjegati pubbliċi li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet fuq ix-xogħol u/jew fil-ħajja tagħhom, li jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tagħhom fuq il-post tax-xogħol u l-benesseri tagħhom.

Seduta Numru 41
17/11/2026

ESP - SERVIZZI

2282. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhuma s-servizzi li joffri l-Employee Support Programme (ESP) u min hu eliġibbli biex jagħmel użu minnu?

28/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat li l-Employee Support Programme (ESP) jipprovdi sezzjonijiet ta' sapport psikoloġiku professjonali u kunfidenzjali. Jipprovdi ukoll sapport lid-dipartimenti li jkunu esperjenzaw sitwazzjonijiet kritiċi jew trawmatiċi fuq il-post tax-xogħol. F'dawn is-sitwazzjonijiet, l-ESP jipprovdi kemm sapport lill-individwi u lit-tim wara l-avveniment. Hemm ukoll is-servizz tal-Bord Mediku, li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-P&SD, u li għandu l-mira li jħeġġeġ lill-impjegati tas-servizz pubbliku biex jibqgħu jaħdmu u r-rwol primarju tiegħu huwa li jipprovdi gwida u sapport professjonali lill-impjegati f'termini ta' saħħa fuq ix-xogħol. L-impjegati pubbliċi kollha jistgħu jagħmlu użu minn dawn is-servizzi.
L-ESP Unit torganizza ukoll inizjattivi biex tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-benesseri tal-impjegati u saħħa mentali aħjar. Is-sessjonijiet ta' għarfien isiru kemm għall-maniġment, kif ukoll għall-impjegati fuq talba tad-dipartiment.

Seduta Numru 41
17/11/2026

ESP - IMPJEGATI TAS-SERVIZZ PUBBLIKU

2283. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm impjegati tas-Servizz Pubbliku għamlu użu mis-servizzi tal-Employee Support Programme (ESP) mis-sena 2023 sal-aktar data riċenti disponibbli fil-ħin li titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

28/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat kif ġej:

2023 – 430 klijent li ammontaw għal 3,196 sessjoni
2024 – 447 klijent li ammontaw għal 4,008 sessjoni
2025 – 464 klijent li ammontaw għal 5,533 sessjoni
2026 – 351 (sa 23/10/2026) li ammontaw għal 5,600 sessjoni (sa 28/10/2026)

Seduta Numru 41
17/11/2026

ESP - PROFESSJONISTI

2284. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm professjonisti impjegati mal-Employee Support Programme (ESP), maqsuma skont il-professjoni tagħhom?

28/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat li hemm Psikologa, żewġ Counsellors, żewġ Psikoterapisti, erba' Social Workers, Koordinatriċi tal-Bord Mediku (Infermiera) u Psychology Assistant.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PERSUNI LI JGĦIXU FI DJAR PERIKOLUŻI

2405. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tad-Djar għandhiex informazzjoni ta' persuni li qegħdin jgħixu fi djar mimlija perikli u jekk iva, kemm hu l-ammont?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-inkwilini huma obbligati jirrappurtaw lill-Awtorità tad-Djar kwalunkwe ħsara strutturali jew kundizzjoni li tista' toħloq periklu fil-proprjetà li jgħixu fiha. Ir-rapporti jistgħu jsiru permezz tas-servizz tal-Customer Care tal-Awtorità kif ukoll permezz tas-servizzi online disponibbli għal dan il-għan.
L-Awtorità tad-Djar għandha proċedura stabbilita biex tirċievi, tivvaluta u tinvestiga dawn ir-rapporti, u tieħu l-azzjoni meħtieġa skont in-natura u l-gravità tal-każ, inkluż, fejn ikun meħtieġ, it-twettiq ta' xogħlijiet urġenti jew ta' emerġenza.
Sa fejn huwa magħruf lill-Awtorità, ma hemm l-ebda każ fejn residenti jkunu tħallew jibqgħu jgħixu f'proprjetà identifikata bħala strutturalment perikoluża mingħajr ma ttieħdet l-azzjoni meħtieġa, inkluż it-twettiq ta' xogħlijiet urġenti jew ta' emerġenza fejn dawn ikunu meħtieġa.
Jekk l-Onor. Interpellant għandu għarfien ta' każijiet partikolari fejn hemm persuni li qed jgħixu f'kundizzjonijiet li jistgħu jkunu ta' periklu u li dawn il-każijiet għadhom ma ġewx miġjuba għall-attenzjoni tal-Awtorità tad-Djar, ikun apprezzat jekk jingħataw id-dettalji rilevanti lill-Awtorità sabiex tkun tista' tieħu l-passi meħtieġa mingħajr dewmien.

Seduta Numru 41
17/11/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – KUNTRATTI FFIRMATI QABEL L-2022

2406. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi s-sitwazzjoni ta' dawk il-persuni li kienu ffirmaw kuntratt biex jidħlu f'unit t'akkomodazzjoni soċjali f'April 2022, u li sa ftit tal-jiem ilu kienu għadhom jistennew appartament?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-applikanti li ġew allokati unit t' akkomodazzjoni soċjali f'April 2022, 11-il applikant esprimew ix-xewqa li jiġu kkunsidrati għal allokazzjoni f'lokalità oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PAKKETTI TA' IKEL PROVDUTI MILL-GVERN

2407. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna rċeviet pakkett ta' ikel provdut mill-Gvern mill-Fond Konsolidat, matul is-snin 2023, 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 41
17/11/2026

MANTENIMENT TAT-TFAL – KAŻIJIET PENDENTI

2410. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm każijiet ta' manteniment tat-tfal jinsabu pendenti quddiem il-Qorti bħalissa? Jista' jgħid ukoll x'kienu l-itwal u l-iqsar perjodu ta' stennija matul l-aħħar ħames snin, sakemm ingħatat deċiżjoni f'każijiet ta' dan it-tip?

03/08/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema kawżi ta' manteniment qed jirreferi. Jekk hux dawk quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Familja.

Seduta Numru 41
17/11/2026

MANTENIMENT TAT-TFAL – ĦLAS MILL-ISTAT

2411. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra mudell fejn l-Istat iħallas il-manteniment lit-tfal minnufih u mbagħad jirkupra s-somma mingħand il-ġenitur responsabbli, kif isir f'pajjiżi bħall-Iżvezja u d-Danimarka? Jista' jgħid ukoll jekk sarx xi studju dwar il-benefiċċji u l-ispejjeż ta' sistema bħal din f'Malta?

03/08/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kura, manteniment u kustodja tat-tfal hija r-responsabbiltà tal-ġenituri u l-kustodja tagħhom.

Seduta Numru 41
17/11/2026

TFAL ESPOSTI GĦAL VJOLENZA DOMESTIKA – TERAPIJA SPEĊJALIZZATA

2412. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-medja tal-'waiting time' biex tifel jew tifla li jkunu esposti għal vjolenza domestika jingħataw terapija speċjalizzata?

03/08/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PROVVISTA TAL-ELETTRIKU – INVESTIMENTI FIN-NETWORK F'GĦAWDEX

2710. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tal-Gvern fl-2025 li l-investimenti fin-network Għawdxi kellhom iwasslu għal provvista "aktar stabbli u affidabbli" u jtejbu r-reżiljenza, tista' l-Ministru tispjega kif dawn id-dikjarazzjonijiet huma rikonċiljabbli mal-fatt li failure ta' żewġ feeders wassal biex parti kbira minn Għawdex damet sigħat twal mingħajr provvista tal-elettriku?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 41
17/11/2026

GĦAWDEX – ĦSARAT FIL-FEEDERS TAL-ELETTRIKU – RISK REGISTER

2711. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-possibbiltà ta' simultaneous failure ta' aktar minn feeder wieħed lejn Għawdex kinitx inkluża fir-risk register tal-Enemalta qabel it-28 ta' Awwissu 2026, x'rating kellu dan ir-riskju u x'mitigation measures kienu ġew identifikati?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 41
17/11/2026

GĦAWDEX – PROVVISTA TAL-ELETTRIKU – PJAN TA' AZZJONI

2712. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru, wara l-inċident ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku li affettwa lil Għawdex fit-28 u fid-29 ta' Awwissu 2026, tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra pjan ta' azzjoni b'miżuri, budgets u dati ta' implimentazzjoni biex jiġi żgurat li l-provvista tal-elettriku f'Għawdex ikollha livell ogħla ta' redundancy u resilience?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 41
17/11/2026

REWS – SWIMMING POOLS MHUX REĠISTRATI

2767. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'azzjoni jieħu r-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma (REWS) sabiex jiġu identifikati swimming pools li mhumiex reġistrati u mhumiex iħallsu liċenzja? Tista' tgħid ukoll x'azzjoni tittieħed meta jiġu identifikati każijiet bħal dawn?

18/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) iwettaq verifiki regolari sabiex jiġu identifikati pixxini li mhumiex reġistrati u li għalihom ma tkunx qiegħda titħallas il-liċenzja annwali dovuta. Għal dan il-għan, ir-Regolatur juża sistemi ta' informazzjoni u data disponibbli, inkluż informazzjoni ġestita mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll għodod oħra ta' verifika li jassistu fl-identifikazzjoni u l-ispezzjoni tal-pixxini.
Meta jiġu identifikati pixxini potenzjalment mhux reġistrati, isiru l-verifiki neċessarji u s-sidien jiġu kkuntattjati sabiex jiġu infurmati bl-obbligi tagħhom fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-pixxina u l-ħlas tal-liċenzja applikabbli.
Ir-Regolatur iwettaq ukoll verifiki dwar il-karatteristiċi tal-pixxina, inkluż il-volum ta' ilma u l-użu tagħha, u joħroġ il-kontijiet dovuti, inkluż għal perjodi preċedenti fejn applikabbli.
F'każijiet fejn il-pożizzjoni ma tiġix regolarizzata, ir-Regolatur jieħu l-passi meħtieġa skont il-liġi sabiex jiżgura l-osservanza tal-obbligi regolatorji applikabbli.

Seduta Numru 41
17/11/2026

REWS – SWIMMING POOLS MHUX REĠISTRATI

2768. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew identifikati swimming pools li ma kinux reġistrati mar-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma (REWS) u li ma kinux qegħdin iħallsu l-liċenzja annwali, mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Tista' tgħid ukoll x'azzjonijiet ittieħdu dwarhom?

18/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

L.S. 591.05 – REGOLAMENTI DWAR L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

2960. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għall-ħidma relatata mal-L.S. 591.05 - Regolamenti dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, jista' l-Ministru jgħid:
i. kemm huwa n-numru ta' uffiċjali fi ħdan il-Malta Digital Innovation Authority (MDIA) li huma involuti fit-twettiq tan-normi stabbiliti fil-L.S. 591.05, u għal kull każ jgħid x'inhu r-rwol tiegħu;
ii. kemm saru ilmenti, jekk saru, a tenur tar-Regolament 10 tal-L.S. 591.05, u għal kull ilment jgħid dwar xiex kien u x'inhu l-istatus attwali tiegħu; u
iii. jekk s'issa ttieħdux passi regolatorji a tenur tal-L.S. 591.05? Jekk iva, x'kienu dawn il-passi u x'inhu l-istatus attwali ta' kull każ li dwaru ttieħdu tali passi?

28/09/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Malta Digital Innovation Authority (MDIA) hija l-awtorità kompetenti responsabbli mit-twettiq tal-funzjonijiet assenjati lilha skont ir-Regolamenti dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (L.S. 591.05).
L-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti titwettaq permezz tal-istrutturi amministrattivi u operattivi eżistenti fi ħdan l-Awtorità, skont il-kompetenzi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-uffiċjali tagħha.
L-Awtorità wettqet attivitajiet ta' superviżjoni, inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u varat servizz ta' appoġġ u għajnuna għall-industrija.
Ta' min jinnota li d-dispożizzjonijiet relatati mas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali b'riskju għoli se jibdew japplikaw gradwalment f'Diċembru 2027 u Awwissu 2028, skont il-kategorija ta' obbligi kkonċernata.
Għaldaqstant, il-passi li ttieħdu ma wasslux għall-ħtieġa ta' azzjonijiet ta' infurzar.
Għar-rigward ta' ilmenti validi riċevuti, infurmat li r-risposta hija fin-negattiv.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PROĊEDURI LI JSIRU F'MALTA U GĦAWDEX

2988. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa:
Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm minn dawn il-proċeduri jsiru f'Malta jew f'Għawdex:
i. Sleeve gastrectomy (gastric sleeve);
ii. Gastric bypass;
iii. Adjustable gastric band;
iv. Intragastric balloon; u
v. Endoscopic sleeve gastroplasty?

29/09/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-proċeduri barjatriċi li jsiru lokalment huma s-sleeve gastrectomy, ir-Roux-en-Y gastric bypass u l-one anastomosis gastric bypass. L-introduzzjoni tal-endoscopic sleeve gastroplasty qed tiġi kkunsidrata.
Minn Jannar sa Lulju 2026 saru 37 proċedura barjatrika fl-Isptar Mater Dei.
Bħalissa hemm 63 persuna li ilhom fuq il-lista ta' stennija aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti għal kirurġija barjatrika.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PROĊEDURI – SENA 2026

2989. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa:
Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru minn dawn il-proċeduri mill-bidu tas-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari:
i. Sleeve gastrectomy (gastric sleeve);
ii. Gastric bypass;
iii. Adjustable gastric band;
iv. Intragastric balloon; u
v. Endoscopic sleeve gastroplasty?

29/09/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2988.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PROĊEDURI – LISTA TA' STENNIJA

2990. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni fuq il-lista ta' stennija għal dawn il-proċeduri:
i. Sleeve gastrectomy (gastric sleeve);
ii. Gastric bypass;
iii. Adjustable gastric band;
iv. Intragastric balloon; u
v. Endoscopic sleeve gastroplasty?

29/09/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2988.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PROĊEDURI FIL-ĠIMGĦA

2991. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm minn dawn il-proċeduri jsiru kull ġimgħa:
i. Sleeve gastrectomy (gastric sleeve);
ii. Gastric bypass;
iii. Adjustable gastric band;
iv. Intragastric balloon; u
v. Endoscopic sleeve gastroplasty?

29/09/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2988.

Seduta Numru 41
17/11/2026

FREE MEDICAL AID – MEDIĊINI OUT OF STOCK

2992. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm mediċini li jistgħu jinġiebu bil-Free Medical Aid (Kartuna r-Roża) li huma out of stock bħalissa?

29/09/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li minn 255 mediċina li jinġiebu bil-Free Medical Aid, hemm waħda li mhix disponibbli bħalissa.

Seduta Numru 41
17/11/2026

POYC – TQASSIM TAL-MEDIĊINI

2993. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'sar mill-wegħda dwar it-tqassim tal-mediċini tal-POYC?

29/09/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif taf tajjeb il-wegħda tat-tqassim tal-mediċini permezz tal-Pharmacy of Your Choice twettqet, tant li hi stess staqsiet fuq it-tħaddim tal-iskema f'diversi mistoqsijiet parlamentari fis-Seduta suċċessiva.

Seduta Numru 41
17/11/2026

TRASPORT PUBBLIKU – VJAĠĠI SKEDATI LI MA TWETTQUX

3343. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1886 u jgħid kemm-il vjaġġ skedat tal-linja ma twettaqx matul kull xahar tal-aħħar sentejn?

08/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, skont l-informazzjoni disponibbli, ir-rata ta' twettiq tas-servizz tat-trasport pubbliku għal kull xahar matul il-perjodu mitlub kienet kif tidher fit-tabella segwenti:

Twettiq			
Xahar	2024	2025	2026
Jannar		99.36%	99.17%
Frar		99.27%	99.05%
Marzu		98.46%	98.98%
April		99.51%	99.42%
Mejju		99.53%	99.06%
Ġunju	98.49%	99.03%	99.34%
Lulju	98.96%	99.23%	99.10%
Awwissu	99.51%	99.49%	
Settembru	99.28%	99.55%	
Ottubru	99.47%	98.97%	
Novembru	99.19%	99.24%	
Diċembru	99.03%	99.15%	

Seduta Numru 41
17/11/2026

MALTA PUBLIC TRANSPORT – KPIS MHUX MILĦUQA

3344. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1887 u jgħid kemm-il darba Malta Public Transport naqset milli tilħaq il-KPIs tagħha u x'penali ġew imposti?

08/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant l-informazzjoni mitluba tinsab diġà disponibbli u pprovduta fil-kuntratt li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

TRANSPORT MALTA U MALTA PUBLIC TRANSPORT – PENALI MĦALLSA LILL-GVERN

3345. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1888 u jgħid kemm tħallsu penali lill-Gvern, mill-Malta Public Transport u kemm tħallsu penali lill-Malta Public Transport fl-aħħar ħames snin?

08/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PROĠETTI INFRASTRUTTURALI – TRANSPORT IMPACT ASSESSMENTS

3346. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1890 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u jgħid kemm hemm proġetti infrastrutturali li qed isiru mingħajr transport impact assessment?

08/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant, illi l-Awtorità tal-Ippjanar titlob Traffic Impact Assessment għal proġetti ta' żvilupp maġġuri li jaqgħu taħt il-kriterji kif stabbiliti u kif inhu stipulat fiċ-ċirkulari għall-Periti CIR 1/15. Proġetti infrastrutturali ma jaqgħux taħt waħda mill-kriterji stabbiliti fiċ-ċirkulari CIR 1/15 u għalhekk, waqt il-proċess ta' applikazzjonijiet ta' proġetti infrastrutturali , ma jintalabx studju ta' Traffic Impact Assessment mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta Numru 41
17/11/2026

ĦIN MEDJU FIT-TRAFFIKU

3347. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1891 u jgħid jekk il-Gvern għandux KPI nazzjonali dwar il-ħin medju li ċittadin iqatta' fit-traffiku kull sena?

08/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

CHARGING POINTS PUBBLIĊI ĠODDA

3348. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1895 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u tgħid kemm-il charging point pubbliku ġdid ġie installat kull sena mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u kemm minnhom huma operattivi llum?

08/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hawn 646 charging point li l-pubbliku jista' juża mxerrdin madwar Malta u Għawdex. Minnhom 578 huma responsabbiltà tal-Climate Action Authority u l-oħrajn huma ta' operaturi privati. Minn dawn, hemm 438 charging point li kienu installati fl-aħħar ħames snin u li kollha huma operattivi.

Seduta Numru 41
17/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - LINJI GWIDA GĦALL-INDUSTRIJA TAL-FILMS

4322. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Ippjanar għandhiex linji gwida li jqisu l-importanza ta' siti storiċi għall-industrija tal-films meta tevalwa proposti għal interventi li jistgħu jbiddlu l-karatteristiċi viżivi jew arkitettoniċi tagħhom?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - PROMOZZJONI TA' SITI STORIĊI

4323. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) tikkollaborax mal-Kummissjoni Maltija għall-Films u Heritage Malta sabiex tippromwovi siti storiċi li dehru f'films u produzzjonijiet televiżivi bħala parti mill-offerta tat-turiżmu kulturali ta' Malta? Jekk iva, jista' jagħti dettalji ta' dawn l-inizjattivi mill-2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

26/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tippjana l-promozzjoni ta' pajjiżna madwar id-dinja ġeografikament għall-pajjiżi individwali, fejn tiffoka fuq niċeċ u udjenzi magħżula, skont l-interessi u l-profil tal-udjenza. F'dawn l-aħħar snin, in-niċċa ta' film tourism, tatna l-opportunità li nirreklamaw pajjiżna wara li siti storiċi u lokalitajiet ikunu dehru f'films u produzzjonijiet viżivi.

Seduta Numru 41
17/11/2026

TURIŻMU KULTURALI F'MALTA - PRODUZZJONIJIET INTERNAZZJONALI TAL-FILMS U T-TELEVIŻJONI - VALUTAZZJONIJIET

4324. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx valutazzjoni dwar il-kontribut li l-produzzjonijiet internazzjonali tal-films u t-televiżjoni jagħtu lill-promozzjoni tat-turiżmu kulturali f'Malta, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' siti storiċi Maltin bħala locations? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' din il-valutazzjoni?

26/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 41
17/11/2026

HERITAGE MALTA - SITI STORIĊI - ATTIVITAJIET EKONOMIĊI, INKLUŻ ĠBID TA' FILMS

4325. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta għandhiex politika li tistabbilixxi kif siti storiċi jistgħu jintużaw għal attivitajiet ekonomiċi, inkluż il-ġbid ta' films, mingħajr ma tiġi kompromessa l-konservazzjoni tagħhom? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' din il-politika?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Heritage Malta għandha proċeduri stabbiliti li jirregolaw l-użu tas-siti storiċi taħt ir-responsabbiltà tagħha għal attivitajiet ekonomiċi, inkluż il-ġbid ta' films, filwaqt li tingħata prijorità assoluta lill-ħarsien, il-konservazzjoni u l-integrità ta' dawn is-siti.
Kull talba tiġi kkunsidrata individwalment sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet proposti ma jikkompromettux il-konservazzjoni u l-ħarsien tal-wirt kulturali.

Seduta Numru 41
17/11/2026

L-IMSIDA - UNITS RESIDENZJALI ĠODDA

4326. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew units residenzjali ġodda fil-lokalità tal-Imsida matul l-aħħar sentejn, u kemm minn dawn kienu units ġodda approvati permezz ta' permessi maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4327.

Seduta Numru 41
17/11/2026

L-IMSIDA - UNITS RESIDENZJALI LI JINSABU FIL-PIPELINE

4327. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm units residenzjali oħra li bħalissa jinsabu fil-pipeline tal-iżvilupp fl-Imsida, inkluż dawk li għandhom permess approvat iżda għadhom ma nbnewx, u dawk li l-applikazzjonijiet tagħhom għadhom pendenti?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 4327, u abbażi tad-database u tas-sistema tal-informatika tal-Awtorità tal-Ippjanar, sal-aħħar ta' Settembru 2026 kien hemm 494 permess li għalihom kienet ġiet ippreżentata commencement notice, kif ukoll 138 permess validu ieħor li fir-rigward tagħhom kienet għadha ma ġietx ippreżentata commencement notice.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IX-XGĦAJRA – ĦSARAT IKKAWŻATI MILL-MALTEMPATA HARRY – XOGĦLIJIET

4560. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3832 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u tgħid x'xogħlijiet saru jew qed isiru tul il-promenade tax-Xatt tax-Xgħajra wara l-ħsarat ikkawżati mill-maltempata Harry?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara l-maltempata Harry, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi wettaq xogħlijiet ta' tindif u tiswija fil-Banju tal-Milord. Id-Dipartiment wettaq ukoll investigazzjoni ġeoteknika u ħejja l-pjanti u d-dokumentazzjoni meħtieġa għas-sejħa għall-offerti sabiex tinbena mill-ġdid medda tal-promenade twila madwar 90 metru. Parti minn din il-medda hija mibnija fuq terrapien li ċeda parzjalment waqt il-maltempata Harry.

Seduta Numru 41
17/11/2026

DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-KUNSILLI LOKALI – RENDIKONT DETTALJAT TAL-FONDI

4579. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont dettaljat tal-fondi kollha li ntużaw mill-allokazzjoni ta' €10 miljun taħt il-ftehim bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kunsilli Lokali mħabbar fl-2024, u għal kull proġett tindika:
i. il-lokalità;
ii. il-kunsill lokali;
iii. id-deskrizzjoni tax-xogħol;
iv. id-data meta saret it-talba;
v. l-ammont approvat;
vi. l-ispiża finali;
vii. id-data tal-bidu u tat-tlestija; u
viii. jekk ix-xogħol sarx minn ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jew minn kuntrattur privat?

29/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġejt infurmata li sabiex tingħata l-informazzjoni, kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost. In oltre, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur skont ir-regolamenti 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 41
17/11/2026

KUNSILLI LOKALI – APPROVAZZJONI TA' PROĠETTI

4580. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tispjega l-proċess li bih proġett propost minn kunsill lokali jiġi approvat taħt il-ftehim ta' €12.8 miljun, u tgħid min għandu r-responsabbiltà li:
i. japprova l-proġett;
ii. japprova l-baġit;
iii. jagħżel il-kuntrattur;
iv. japprova variations;
v. jiċċertifika x-xogħol; u
vi. jawtorizza l-ħlas?

29/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull proġett propost minn xi Kunsill Lokali jiġi amministrat skont proċeduri stabbiliti fi ħdan il-Ministeru, l-etika tal-professjoni u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku.

Seduta Numru 41
17/11/2026

KUNSILLI LOKALI – ALLOKAZZJONIJIET – VALUR IKKOMBINAT

4581. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-allokazzjoni taħt il-ftehim tat-€12.8 miljun għal proġetti proposti minn kunsill lokali hijiex kompletament ġdida u addizzjonali għall-allokazzjoni ta' €10 miljun imħabbra fl-2024? Jekk iva, tista' tikkonferma li l-valur ikkombinat taż-żewġ allokazzjonijiet huwa ta' €22.8 miljun?

29/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-allokazzjoni l-ġdida hija b'żieda għal dik imħabbra fl-2024 u li t-total ser jiżboq it-€22.8 miljun.

Seduta Numru 41
17/11/2026

BAĠIT 2026 – FRAMEWORK AGREEMENT

4582. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Framework Agreement ta' €13.5 miljun imsemmi fil-Baġit 2026 huwiex l-istess framework li sussegwentement ġie mħabbar b'allokazzjoni ta' €12.8 miljun? Jekk huwa l-istess framework, tista' tispjega r-raġuni għad-differenza ta' €700,000?

29/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Framework Agreement ta' €13.5 miljun imsemmi fil-Baġit 2026 m'huwiex l-istess framework li sussegwentement ġie mħabbar b'allokazzjoni ta' €12.8 miljun. L-ammont ta' €12.8 miljun kienu allokati għal kuntratt bejn 2024 – 2026, filwaqt li €13.5 miljun huma allokati għal sejħa ġdida 2026 - 2028.

Seduta Numru 41
17/11/2026

ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IS-SANTWARJU/TRIQ IĊ-ĊAWSLI – XOGĦLIJIET

4583. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit bejn Triq is-Santwarju u Triq iċ-Ċawsli, f'Ħaż-Żabbar, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2023? Tista' tgħid ukoll min wettaqhom?

29/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sit indikat, GreenServ wettqet proġett ta' riġenerazzjoni li kien jikkonsisti fit-trasformazzjoni taż-żona urbana fi pjazza għall-użu tal-komunità u għal attivitajiet tradizzjonali, bl-introduzzjoni ta' elementi ħodor u blu, fosthom qsari, ħitan ħodor u elementi tal-ilma. Dan il-proġett li kien inawgurat fl-2023 sar b'investiment ta' madwar €845,000

Seduta Numru 41
17/11/2026

BAĠIT 2027 – PROFESSIONAL SERVICES – ALLOKAZZJONI FINANZJARJA

4606. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni għaliex l-allokazzjoni finanzjarja għal-Line Item 31 Professional Services tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat żdiedet minn €95,000 (sena 2026) għal €300,000 (sena 2027)?

29/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, kif diġà ġie indikat, l-Estimi Finanzjarji tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra, u li d-diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji relatati mal-Ministeru ser issir fis-16 ta' Novembru 2026, hekk kif stipulat fil-Mozzjoni Nru 70, Mozzjoni ta' Proċedura li tirregola s-seduti konnessi mal-Estimi Ġenerali, diskussa fis-Seduta Nru 25 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IRZIEZET FUQ ART TAL-GVERN – PROĊESS GĦAT-TITOLU

4640. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid meta l-Awtorità tal-Artijiet se tniedi l-proċess sabiex tagħti titolu lir-raħħala li għandhom irziezet fuq art tal-Gvern u jixtiequ jkomplu jaraw dawn l-irziezet użati fil-futur, inkluż minn membri tal-familja li jkollhom l-istess mestier?

30/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor, Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet għandha diġà fis-seħħ proċedura li permezz tagħha raħħala liċenzjati jew reġistrati jistgħu jressqu talba għall-għoti ta' art tal-Gvern b'titolu ta' enfitewsi temporanja għall-perjodu ta' 50 sena, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli. Il-formola li wieħed jista' japplika biha hija GLA7. Kull talba tiġi evalwata skont il-kundizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fil-qafas legali u regolatorju applikabbli.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IRZIEZET TAL-GVERN ABBANDUNATI – RIALLOKAZZJONI LIL BDIEWA JEW RAĦĦALA ĠODDA

4641. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati rziezet abbandunati tal-Gvern lir-raħħala/bdiewa ġodda u/jew oħrajn li jridu jespandu l-operat tagħhom sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm raħħala/bdiewa li gawdew minn din l-inizjattiva, u kemm minnhom huma raħħala/bdiewa żgħażagħ?

30/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet, permezz ta ftehim ma Riżorsi Agrikoli Malta, qed tikkollabora sabiex art agrikola tal-Gvern li tinsab vakanti jew mhux utilizzata tkun tista' terġa' titqiegħed għall-użu agrikolu. Filwaqt li l-Awtorità tal-Artijiet għandha rwol fir-rigward tal-proprjetà tal-Gvern u trasferiment tagħha skont il-proċeduri applikabbli, l-allokazzjoni tal-art lill-bdiewa u raħħala fil-kuntest ta din l-inizjattiva taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Riżorsi Agrikoli Malta. Għaldaqstant l-informazzjoni dwar in-numru ta raħħala/bdiewa inkluż kemm minnhom raħħala/bdiewa żgħażagħ għandha tiġi mwieġba u kkonfermata mal-imsemmija aġenzija.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IRZIEZET FUQ ART TAL-GVERN – IRZIEZET TAT-TROBBIJA TAN-NAGĦAĠ U MOGĦOŻ

4642. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm irziezet tat-trobbija tan-nagħaġ u l-mogħoż f'Malta u Għawdex li jinsabu fuq art tal-Gvern u li għadhom qed jistennew ir-regolarizzazzjoni tal-qbiela tagħhom? Jista' jagħti rendikont tal-proċess li qed jiġi segwit sabiex dawn il-bdiewa jingħataw is-sigurtà meħtieġa biex ikunu jistgħu jinvestu u jimmodernizzaw l-irziezet tagħhom?

30/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IRZIEZET FUQ ART TAL-GVERN – APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-IMMODERNIZZAR

4643. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx diskussjonijiet bejn il-Ministeri responsabbli mill-Agrikoltura, l-Awtorità tal-Artijiet u l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġu ffaċilitati l-applikazzjonijiet għall-modernizzazzjoni tal-irziezet li jinsabu fuq art tal-Gvern? Jista' jgħid ukoll x'miżuri konkreti qed jiġu kkunsidrati u meta hu mistenni li jiġu implimentati?

30/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant, illi diskussjonijiet qegħdin isiru mar-Riżorsi Agrikoli Malta (RAM) u l-MAFF sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess sabiex l-irziezet mibnija fuq art tal-Gvern jingħataw titlu ta ċens b'saħħtu biżżejjed li jippermetti ppjanar ta immodernizzar f'investiment fit-tul. Ma dan, l-Awtorità tagħti wkoll il-kunsens tagħha sabiex jiġu sottomessi applikazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-iżvilupp neċessarju, kif inhu maqbul fi ftehim mal-istess Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IRZIEZET FUQ ART TAL-GVERN – APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-IMMODERNIZZAR

4644. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx diskussjonijiet bejn il-Ministeri responsabbli mill-Agrikoltura, l-Awtorità tal-Artijiet u l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġu ffaċilitati l-applikazzjonijiet għall-modernizzazzjoni tal-irziezet li jinsabu fuq art tal-Gvern? Jista' jgħid ukoll x'miżuri konkreti qed jiġu kkunsidrati u meta hu mistenni li jiġu implimentati?

30/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Il-policies fis-seħħ jipprovdu qafas regolatorju li jippermetti lill-bdiewa ġenwini jiżviluppaw u jimmodernizzaw il-faċilitajiet meħtieġa għall-attività agrikola tagħhom, filwaqt li jiżguraw il-ħarsien tal-ambjent u tal-karatteristiċi distintivi taż-żoni rurali.
Fl-istess waqt, l-Awtorità tal-Ippjanar iżżomm djalogu kontinwu mal-Ministeri u mal-entitajiet governattivi konċernati, sabiex jiġu diskussi u indirizzati diversi aspetti relatati mal-ippjanar.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IRZIEZET TAT-TROBBIJA TAN-NAGĦAĠ U MOGĦOŻ - APPLIKAZZJONIJIET GĦAŻ-ŻVILUPP JEW IMMODERNIZZAR

4645. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati applikazzjonijiet għaż-żvilupp jew għall-modernizzazzjoni ta' irziezet tan-nagħaġ u l-mogħoż f'żoni barra mill-konfini tal-iżvilupp (ODZ) matul l-aħħar ħames snin? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew approvati, rifjutati jew għadhom pendenti, maqsuma lokalità b'lokalità?

30/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 4645, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kif inhuma maqsuma l-applikazzjonijiet, relatati ma' rziezet għat-trobbija ta' nagħaġ u/jew mogħoż, li l-Awtorità tal-Ippjanar ippubblikat, bħala applikazzjonijiet kompluti riċevuti minnha, bejn l-1 ta' Novembru 2021 u l 31 ta' Ottubru 2026, maqsuma għal kull lokalità.

Din l-informazzjoni nġabret mis-sistema tal-informatika tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn il-proposta tal-iżvilupp, kif ippreżentata mill-Perit, tinkludi l-kliem 'nagħaġ', 'mogħoż', 'sheep', 'goat'.

Seduta Numru 41
17/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - APPLIKAZZJONIJIET APPROVATI - FONDI

4928. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1795, 3146 u 3922 u jgħid x'inhu l-ammont ta' fondi miġbura mill-Awtorità tal-Ippjanar mill-applikazzjonijiet li ġew approvati fil-passat? Jista' jgħid ukoll kemm huma l-fondi għal kull lokalità f'Malta u f'Għawdex u kemm kienu f'Diċembru 2024 u f'Diċembru 2025? Jista' jieħu l-passi neċessarji biex jinbidlu l-kriterji li fuqhom il-kunsilli lokali jistgħu jaċċessaw dawn il-fondi biex bihom ikunu jistgħu jwettqu bosta xogħlijiet li sal-lum mhux permess li jwettqu skont il-kriterji ta' użu ta' dawn il-fondi?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

SPEED CAMERAS – KALIBRAZZJONI

4929. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4067 u ċjoè iwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2957 fl-intier tagħha u jgħid meta l-aħħar li ġew kalibrati kull waħda mill-ispeed cameras imsemmija fl-istess tweġiba?

03/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-Mistoqsija lill-Ministru konċernat.

Seduta Numru 41
17/11/2026

SELMUN PALACE HOTEL

4935. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4066 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi u jgħid fiex wasal il-proċess biex Selmun Palace Hotel ma tibqax abbandunata u x'tip ta' sigurtà hemm ipprovduta preżentement f'din l-istess lukanda?

03/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Waqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għal dak li ntqal fil-Budget 2026 dwar dan is-sit, ninforma lis-sigurtà hija fuq bażi ta 24 siegħa kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd.

Seduta Numru 41
17/11/2026

SPEED CAMERAS – L-OGĦLA SPEED LI NTLAĦAQ

4972. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid x'kien l-ogħla speed li ntlaħaq minn kull waħda mill-ispeed cameras li hawn f'pajjiżna matul is-sena 2026?

04/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li bejn Jannar u Ottubru 2026, l-ogħla veloċitàjiet rreġistrati kienu jvarjaw bejn 100 u 157 km fis-siegħa.

Seduta Numru 41
17/11/2026

JOBSPLUS – IMPJIEG TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ – SKEMI U GĦAJNUNIET FINANZJARJI

4973. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1742, dwar inċentivi li Jobsplus joffru lill-employers sabiex jinkoraġġixxu l-impjieg ta' persuni b'diżabilità, jista' l-Ministru jgħid kemm ibbenefikaw kumpaniji minn kull waħda mill-iskemi msemmija fl-istess tweġiba, matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u skema, skema?

04/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 4973, qed nipprovdi lill-Onor. Interpellant tabella li turi n-numru ta' employers li bbenefikaw mill-iskemi u l-miżuri msemmija fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1742.
It-tabella hija maqsuma sena b'sena, għas-snin 2024, 2025 u 2026 sal-aħħar ta' Ottubru 2026. In-numru ta' employers uniċi huwa kkalkulat separatament għal kull skema/miżura u għal kull sena. Għaldaqstant, l-istess employer seta' bbenefika minn aktar minn skema/miżura waħda fl-istess sena, kif ukoll matul snin differenti.

Skema /Miżura	2024		2025		2026 s' Ottubru	
	Employers Uniċi	Numru tad-drabi	Employers Uniċi	Numru tad-drabi	Employers Uniċi	Numru tad-drabi
Inċentiv Fiskali	106	259	117	283	127	324
Eżenzjoni mill-KSS	325	581	290	546	307	544
Bridging the Gap Scheme	32	32	13	13	9	9
Job Carving	111	173	103	176	66	106
Job Coaching	211	402	196	379	205	375

Inċentiv Fiskali - In-numru ta' drabi jindika n-numru ta' persuni b'diżabilità li għalihom ingħata l-Inċentiv Fiskali.
Eżenzjoni Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali - In-numru ta' drabi jindika n-numru ta' persuni b'diżabilità li għalihom ingħatat din l-eżenzjoni.
Bridging the Gap Scheme – In-numru ta' persuni b'diżabilità li bbenefikaw huwa uniku.
Job Carving - In-numru ta' drabi jindika n-numru ta' persuni b'diżabilità li ġew impjegati ma' dawn l-employers.
Job Coaching -In-numru ta' drabi jindika n-numru ta' interventi ta' sapport li bbenefikaw minnhom il-persuni jew impjegati b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol ma' dawn l-employers. It-tul ta' żmien li għalih jingħata s-sapport dejjem ikun skont il-ħtiġijiet individwali.
Seduta Numru 41
17/11/2026

TA' SANNAT, GĦAWDEX – CCTVS

4988. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kellhom jiġu installati kameras tas-sigurtà (CCTVs) fil-lokalità Ta' Sannat, Għawdex f'dawn l-aħħar snin, kemm minnhom ġew installati, fejn ġew installati u kemm minnhom qegħdin jaħdmu? Jista' jgħid ukoll kemm kameras tas-sigurtà għadhom ma ġewx installati, fejn huma ppjanati li jitwaħħlu, u għaliex l-installazzjoni għadha ma saritx, kif ukoll jindika meta mistennija ssir?

04/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 4989.

Seduta Numru 41
17/11/2026

TA' SANNAT, GĦAWDEX – KUNSILL LOKALI – CCTVS

4989. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm kellhom jiġu installati kameras tas-sigurtà (CCTVs) mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat, Għawdex f'dawn l-aħħar snin, kemm minnhom ġew installati, fejn ġew installati u kemm minnhom qegħdin jaħdmu? Tista' tgħid ukoll kemm kameras tas-sigurtà għadhom ma ġewx installati, fejn huma ppjanati li jitwaħħlu, u għaliex l-installazzjoni għadha ma saritx, kif ukoll tindika meta mistennija ssir?

04/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat li l-Kunsill kellu jinstalla tliet CCTVs fi Triq Sannat. Inħarġet sejħa għall-offerti għal tliet darbiet iżda għadu ma nstabx fornitur minħabba li dawk li ssottomettew offerta ma kinux teknikament konformi mar-rekwiżiti. Madankollu, infurmata wkoll li fiż-żmien li ġej, il-Kunsill mistenni joħroġ l-offerta mill-ġdid biex ikunu jistgħu jiġu installati.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IX-XEWKIJA, GĦAWDEX – PROĠETT TA' ĠNIEN CASTELVENERE

4990. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett ta' Ġnien Castelvenere fix-Xewkija, Għawdex?
Tista' tgħid ukoll:
i. liema xogħlijiet saru s'issa u liema għadhom iridu jitwettqu;
ii. jekk kienx hemm dewmien fl-implimentazzjoni u x'kienu r-raġunijiet għalihom;
iii. x'inhi l-ispiża totali prevista, kemm intefaq s'issa u minn fejn qed jiġi ffinanzjat il-proġett;
iv. jekk il-proġett għadux se jinkludi l-faċilitajiet kollha mħabbra oriġinarjament; u
v. meta hu mistenni li jitlesta u jinfetaħ għall-pubbliku?

04/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4993.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IX-XEWKIJA, GĦAWDEX – PROĠETT TA' ĠNIEN CASTELVENERE

4991. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab il-proġett ta' Ġnien Castelvenere fix-Xewkija, Għawdex?
Jista' jgħid ukoll:
i. liema xogħlijiet saru s'issa u liema għadhom iridu jitwettqu;
ii. jekk kienx hemm dewmien fl-implimentazzjoni u x'kienu r-raġunijiet għalihom;
iii. x'inhi l-ispiża totali prevista, kemm intefaq s'issa u minn fejn qed jiġi ffinanzjat il-proġett;
iv. jekk il-proġett għadux se jinkludi l-faċilitajiet kollha mħabbra oriġinarjament; u
v. meta hu mistenni li jitlesta u jinfetaħ għall-pubbliku?

04/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IX-XEWKIJA, GĦAWDEX – PROĠETT TAL-PLAYFIELD TA' ĠOKK

4992. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab il-proġett tal-Playfield ta' Ġokk fix-Xewkija, Għawdex?
Jista' jgħid ukoll:
i. liema xogħlijiet saru s'issa u liema għad iridu jitwettqu;
ii. jekk kienx hemm dewmien fl-implimentazzjoni u x'kienu r-raġunijiet għalihom;
iii. x'inhi l-ispiża totali prevista, kemm intefaq s'issa u minn fejn qed jiġi ffinanzjat il-proġett;
iv. jekk il-proġett għadux se jinkludi l-faċilitajiet kollha mħabbra oriġinarjament; u
v. meta hu mistenni li jitlesta u jinfetaħ għall-pubbliku?

04/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IX-XEWKIJA, GĦAWDEX – PROĠETT TAL-PLAYFIELD TA' ĠOKK

4993. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett tal-Playfield ta' Ġokk fix-Xewkija, Għawdex?
Tista' tgħid ukoll:
i. liema xogħlijiet saru s'issa u liema għad iridu jitwettqu;
ii. jekk kienx hemm dewmien fl-implimentazzjoni u x'kienu r-raġunijiet għalihom;
iii. x'inhi l-ispiża totali prevista, kemm intefaq s'issa u minn fejn qed jiġi ffinanzjat il-proġett;
iv. jekk il-proġett għadux se jinkludi l-faċilitajiet kollha mħabbra oriġinarjament; u
v. meta hu mistenni li jitlesta u jinfetaħ għall-pubbliku?

04/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, wara talba mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija, il-proġett tal-Playfield ta' Ġokk ġie approvat minn Project Green sabiex jibbenefika minn finanzjament ta' €390,233 permezz tal-Local Greening Programme.
Il-proġett approvat u li se jkun implimentat mill-Kunsill Lokali għandu l-għan li jirriġenera u jsebbaħ l-ispazju rikreattiv eżistenti, sabiex jinħoloq ambjent aktar aċċessibbli, sigur u akkoljenti għall-familji u r-residenti tal-lokalità. Ix-xogħlijiet proposti jinkludu l-installazzjoni ta' tagħmir tal-logħob għat-tfal u tagħmir għall-eżerċizzju fiżiku fil-beraħ, pavimentar apposta għas-sigurtà, bankijiet, passaġġi pavimentati, kif ukoll aktar tħawwil ta' siġar u arbuxelli. Il-proġett jipprevedi wkoll spazji għall-parkeġġ, inkluż parkeġġ aċċessibbli għal persuni b'diżabilità.

Seduta Numru 41
17/11/2026

STUDENTI TAR-RABA' U S-SEBA' SENA – TQASSIM TA' LAPTOPS – KUNTRATT

5170. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid meta l-fornitur tal-laptops li kellhom jitqassmu lill-istudenti tar-raba' u s-seba' sena informa lill-Ministeru li ma setax jonora l-kundizzjonijiet finanzjarji tal-kuntratt u x'kienu r-raġunijiet li ta għal din id-deċiżjoni?

06/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-qagħda ġeopolitika internazzjonali, li laqtet ukoll b'mod negattiv il-produzzjoni ta' aċċessorji u apparat teknoloġiku, waslet biex il-fornitur informa lill-Ministeru li ma kienx għadu f'pożizzjoni li jforni l-laptops skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-prezzijiet stipulati fil-kuntratti rispettivi.

Il-Ministeru mexa skont ir-regolamenti u l-proċeduri applikabbli tal-akkwist pubbliku u, wara konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti u l-Awtorità Maniġerjali tal-Fondi Ewropej, beda l-proċess ta' terminazzjoni tal-kuntratti skont il-liġi u qed jieħu l-passi kuntrattwali meħtieġa.

Seduta Numru 41
17/11/2026

STUDENTI TAR-RABA' SENA – TQASSIM TA' LAPTOPS

5171. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu biex jiġu pprovduti laptops lill-istudenti tar-raba' sena, wara li l-fornitur informa lill-Ministeru li ma setax jonora l-kundizzjonijiet finanzjarji tal-kuntratt, u sa meta huwa previst li dawn il-laptops jitqassmu lill-istudenti affettwati?

06/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 5170.

Seduta Numru 41
17/11/2026

TQASSIM TA' LAPTOPS LILL-ISTUDENTI

5172. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'arranġamenti se jsiru biex jingħataw laptops lill-istudenti ġodda li jidħlu fis-sistema edukattiva Maltija mill-ħames sal-għaxar sena, u li għalhekk ma jkunux ibbenefikaw mill-iskema tat-tqassim tal-laptops fis-snin preċedenti?

06/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istudenti ġodda li jidħlu fis-sistema edukattiva Maltija mill-ħames sal-għaxar sena u li ma jkunux ibbenefikaw mill-iskema fis-snin preċedenti għandhom jiġu pprovduti b'laptop permezz tal-proċedura formali tal-Form S.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PERSUNI LI JBATU MILL-GLAUCOMA – GĦAJNUNIET

5191. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'għajnuna joffri l-Gvern fir-rigward ta' min ibati mill-Glaucoma, inklużi spejjeż marbuta ma' medikazzjoni u xiri ta' mediċini?

09/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-pazjenti dijanjostikati bil-glawkoma huma intitolati għal mediċini b'xejn taħt l-Iskeda V, u jistgħu jiġbruhom mill-ispiżerija tal-għażla tagħhom permezz tal-iskema POYC. Il-firxa ta' mediċini disponibbli għal din il-kundizzjoni tiġi riveduta regolarment.

Seduta Numru 41
17/11/2026

DIRETTURI ĠENERALI – ĦATRIET U TUL TA' SERVIZZ

5192. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4137, jista' l-Ministru jgħid meta ġie appuntat għall-ewwel darba kull wieħed mid-Diretturi Ġenerali li attwalment huma fil-kariga, u jekk ġiex sussegwentement riappuntat fil-kariga? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-proċedura segwita f'każ ta' riappuntament?

09/11/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

LOCAL PLANS – AKTAR SPAZJI MIFTUĦA

5197. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Fid-dawl taż-żieda fid-densità tal-bini f'diversi lokalitajiet, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux pjanijiet biex iżid l-ispazji miftuħa permezz tar-reviżjoni tal-Local Plans? Jista' jgħid ukoll jekk hux qed jiġi kkunsidrat li tiġi allokata aktar art għal spazji pubbliċi, żoni ħodor u spazji rikreattivi, u jekk hemmx mira konkreta jew ammont ta' art, f'metri kwadri, li qed jiġi kkunsidrat għal dan il-għan?

09/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iżvilupp fil-lokalitajiet tagħna isir skont dak stipulat fil-pjanijiet lokali, liema pjanijiet jidentifikaw ukoll l-ispazji miftuħa fiż-żoni urbani tagħna. L-iSPED Thematic Objective 1.7 jippromwovi ż-żieda ta' dawn l-ispazji. Dan hu sostnut ukoll bil-Viżjoni 2050 kif ukoll fil-Manifest Elettorali.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IL-ĦARSIEN TAL-UCAS U TAL-ISKYLINES TRADIZZJONALI

5198. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Fil-każ li r-reviżjoni tal-Local Plans twassal għal tibdil fil-parametri tal-iżvilupp, jista' l-Ministru jgħid jekk dan hux se jsir b'rispett sħiħ lejn l-Urban Conservation Areas (UCAs), il-karatteristiċi arkitettoniċi, il-proporzjonijiet u l-karattru storiku tagħhom?

09/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant tiċċara għal liema parametri tal-iżvilupp qed tirreferi. Il-prinċipji ta' salvagwardja tal-Urban Conservation Areas jinstabu kemm fl-iSPED (Urban Objective 2), kif ukoll fil-Viżjoni 2050 u l-Manifest Elettorali.

Seduta Numru 41
17/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

5207. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3737 u 4462 u telenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u tispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

10/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, inklużi l-entitajiet li jaqgħu taħtu, u l-NGOs - l-aktar dawk li joperaw fil-qasam ambjentali - hija waħda soda u stabbilita. Fost l-aqwa eżempji ta' din il-kollaborazzjoni wieħed jista' jsemmi d-diversi ftehim ta' sħubija li jkopru t-tmexxija ta' siti protetti kif ukoll l-assistenza li tingħata f'inizjattivi ta' afforestazzjoni, tħaddir, edukazzjoni ambjentali u f'dik li hija kura u ħarsien tal-annimali.
L-NGOs li saret kollaborazzjoni magħhom huma Friends of the Earth Malta, Fondazzjoni Caritas Malta, Scout Association of Malta, Nature Trust Malta, Heritage Parks Federation, FOSAM/LOOP (Fondazzjoni għall-Opri Soċjali fl-Arċidjoċesi ta' Malta), Kaċċaturi San Ubertu, Malta Falconers Club, Birdlife Malta, Malta Beekeepers Association, Richmond Foundation, Hospice, Autism Parents Association, Mosta Girl Guides, Depiro Sports Club, AAA, Noah's Ark, Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), Island Sanctuary, MSPCA, CSAF, CLAWS, RAR, Animal Guardians, Second Chance Horse u Our Rescue Malta.

Seduta Numru 41
17/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

5208. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3738 u 4463 u tagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

10/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, minn żmien għal żmien, il-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, inklużi l-entitajiet li jaqgħu taħtu, joħorġu skemi ta' assistenza jew sejħiet għal proġetti li minnhom ikunu jistgħu jibbenefikaw l-NGOs. Fost dawn wieħed jista' jsemmi l-Iskema ta' Assistenza taħt il-Fond tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-iskemi intiżi għal inizjattivi favur użu aktar effiċjenti tal-enerġija kif maħruġa mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, u skemi oħra fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali li jipprovdu, fost l-oħrajn, għal titjib fil-faċilitajiet u servizzi veterinarji.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PROPRJETAJIET PUBBLIĊI GĦALL-UŻU TA' NGOS

5209. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3739 u 4464 u jelenka l-proprjetajiet pubbliċi mogħtija għall-użu ta' NGOs taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u jispeċifika l-NGO, l-użu u l-kundizzjonijiet ta' kull ftehim?

10/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 41
17/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

5210. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3740 u 4465 u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

10/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 41
17/11/2026

BUDGET 2027 – SPEJJEŻ FUQ REKLAMAR

5214. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4433 u jagħti rendikont totali tal-ispiża ta' reklamar u propaganda li saret mill-Gvern wara d-Diskors tal-Budget 2027, li sar nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2026?

10/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 41
17/11/2026

MANOEL ISLAND – TINDIF U MANUTENZJONI – PJAN TA' XOGĦOL

5225. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjan ta' xogħol li fuqu qed isiru x-xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni f'Manoel Island?

10/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li din it-tweġiba tapplika wkoll għal mistoqsijiet parlamentari oħrajn li għamlet dwar l-istess suġġett.
L-ewwel stadju tax-xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni f'Manoel Island jinkludi t-tneħħija ta' skart tal-kostruzzjoni, żbir tas-siġar u t-tneħħija ta' siġar mejtin li mhumiex protetti, kif ukoll l-installazzjoni ta' poġġamani temporanji biex jittejbu l-aċċessibbiltà u s-sigurtà. Ix-xogħlijiet qegħdin jitwettqu b'kollaborazzjoni m'entitajiet fi ħdan il-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi, fosthom Cleansing Malta u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
Project Green qed tagħmel l-interventi fuq is-siġar permezz tar-riżorsi interni tagħha, filwaqt li Cleansing Malta qed tikkoordina t-tneħħija tal-iskart. L-interventi fuq is-siġar huma koperti mill-permess ġenerali deskritt hawn taħt, u l-miżuri kollha huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-entitajiet rispettivi. Dan l-istadju huwa mistenni jissokta tal-inqas sa tmiem ta' din is-sena.
Wara l-ewwel stadju, se jsiru aktar xogħlijiet ta' tindif u stħarriġ tal-bini storiku biex jinkixfu elementi u jiġi identifikat materjal f'sit li qabel kien mgħotti bil-veġetazzjoni li jista' jkollhom valur storiku. Dan il-materjal jitqiegħed separatament f'żoni apposta fis-sit, skont id-direzzjonijiet tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, u kull sejba tiġi indirizzata skont il-każ. Il-koordinazzjoni mas-Sovrintendenza hija kontinwa. Fl-istess waqt, għaddejjin konsultazzjonijiet mal-entitajiet rilevanti, fosthom Heritage Malta.
L-ispiża tal-ewwel stadju tax-xogħlijiet li qiegħda twettaq Project Green qed tkun koperta mill-vot tal-infiq operattiv (OPEX).
Fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ambjentali u l-interventi fuq is-siġar, Project Green għandha permess ġenerali maħruġ mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), magħruf bħala block permit, li jkopri l-ewwel stadju tax-xogħlijiet. Iż-żbir qed jinżamm għall-minimu meħtieġ għas-sigurtà tas-sit. Il-permess jipprevedi l-attivitajiet li ġejjin:

- It-tneħħija u l-kontroll ta' speċi aljeni invażivi ta' annimali u pjanti;
- It-tħawwil ta' siġar, arbuxelli u pjanti;
- Il-qtugħ tal-ħaxix;
- Il-qlugħ mill-għeruq, il-qtugħ u/jew it-twaqqiegħ ta' siġar elenkati fl-Ewwel Skeda tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.123;
- Iż-żbir għal skopijiet ta' manutenzjoni ta' siġar elenkati fl-Ewwel Skeda tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.123;
- It-tħawwil ta' siġar fi bnadi oħra elenkati fl-Ewwel Skeda tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.123.

Skont il-prattika tajba u l-permess ta' Project Green, l-interventi kollha huma konformi mal-linji gwida tal-ERA dwar xogħlijiet li jinvolvu s-siġar (Guidelines on Works Involving Trees), disponibbli hawn:
https://era.org.mt/wp-content/uploads/2020/08/Guidelines-on-Works-involving-Trees.pdf
Il-pubbliku għandu aċċess għal Manoel Island imma ovvjament għandu jagħmel dan b'kawtela meta javviċina żoni fejn ikunu għaddejjin ix-xogħlijiet.

Seduta Numru 41
17/11/2026

MANOEL ISLAND – TINDIF U MANUTENZJONI – ŻMIEN TAT-TLESTIJA

5226. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu mistenni li jdum l-ewwel stadju tax-xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni f'Manoel Island, u meta hu mistenni jitlesta?

10/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 41
17/11/2026

MANOEL ISLAND – STADJI TA' TINDIF U MANUTENZJONI

5227. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma l-istadji li jmiss wara l-ewwel stadju ta' tindif f'Manoel Island, u x'inhu ż-żmien mistenni għal kull wieħed minnhom?

10/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 41
17/11/2026

MANOEL ISLAND – SPIŻA TA' PROJECT GREEN

5228. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hi l-ispiża ta' Project Green fl-ewwel stadju tax-xogħlijiet f'Manoel Island, u taħt liema vot tal-baġit qed titħallas?

10/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PENSJONANTI LI GĦANDHOM PENSJONI TAĦT L-€1,000

5259. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4971 u jgħid kemm huwa n-numru ta' pensjonanti li għandhom pensjoni taħt l-€1,000?

10/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tinġabar l-informazzjoni rikjesta jeħtieġ aktar żmien.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PAZJENTI DIJANJOSTIKATI BIL-KANĊER - STENNIJA GĦAT-TRATTAMENT ONKOLOĠIKU

5275. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5022 u jgħid kemm ġew dijanjostikati pazjenti bil-kanċer li kellhom jistennew aktar minn 30, 60 jew 90 ġurnata sabiex jibdew it-trattament onkoloġiku indikat mit-tim mediku tagħhom, matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-trattament onkoloġiku jinkludi t-trattament bir-radjoterapija u t-trattament sistemiku kontra l-kanċer. Iż-żmien bejn ir-riferiment u l-bidu tat-trattament jinkludi l-ippjanar kliniku u tekniku meħtieġ għal kull pazjent.

Il-maġġoranza kbira tal-pazjenti jibdew it-trattament fi żmien xahar mir-riferiment, u matul is-snin 2024, 2025 u 2026 l-ebda pazjent ma stenna aktar minn xahrejn biex jibda t-trattament sistemiku kontra l-kanċer. Fejn iż-żmien ta' stennija kien itwal, dan kien dovut għal raġunijiet kliniċi, tekniċi jew marbuta mal-pazjent.

Seduta Numru 41
17/11/2026

DJAR RESIDENZJALI GĦALL-ANZJANI - RAPPORTI TA' ALLEGAT ABBUŻ, NEGLIĠENZA JEW TRATTAMENT MHUX XIERAQ TA' ANZJANI

5276. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5023 u jgħid kemm ġew irreġistrati rapporti ta' allegat abbuż, negliġenza jew trattament mhux xieraq ta' anzjani fi djar residenzjali, kemm pubbliċi kif ukoll privati, matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jindika kemm minn dawn il-każijiet ġew ikkonfermati wara investigazzjoni u x'passi ttieħdu fil-konfront ta' dawk responsabbli?

11/11/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 41
17/11/2026

SKEJJEL TAL-ISTAT – DEPUTY HEADS OF SCHOOL – POSTIJIET VAKANTI

5301. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3329, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi żviluppi fil-proċess tal-ingaġġ tad-Deputy Heads of School u kemm għad hemm postijiet vakanti li għadhom ma mtlewx?

11/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li għaddej il-proċess tal-Public Service Commission.

Seduta Numru 41
17/11/2026

DIPARTIMENT TAL-EDUKAZZJONI – LSES ĠODDA

5302. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Fid-dawl li 125 Learning Support Educators (LSEs) ġodda se jingħaqdu mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, jista' l-Ministru jgħid kemm minnhom ġew ingaġġati u bdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom, u kemm minnhom għad iridu jiġu ingaġġati?

11/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li minn April ta' din is-sena sa meta qed tkun imwieġba din il-mistoqsija parlamentari ġew ingaġġati 250 LSE. Infurmat li dawn huma 38 LSE ġdid, 76 LSE li kienu jservu bħala Supply LSE għax kisbu kwalifika, u 136 Supply LSE.

Seduta Numru 41
17/11/2026

SANTA VENERA – TRIQ IL-KAPPILLAN MIFSUD – XOGĦOL FUQ IL-BANKINI

5307. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid meta huwa maħsub li jitlesta x-xogħol fuq il-bankini ta' Triq il-Kappillan Mifsud f'Santa Venera? Tista' tgħid ukoll kemm huwa l-investiment biex dan ix-xogħol qed isir?

11/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq il-bankini ta' Triq il-Kappillan Mifsud f'Santa Venera hu maħsub li jitlesta fil-bidu tas-sena d-dieħla (2027).

Seduta Numru 41
17/11/2026

SANTA VENERA – TRIQ IL-KARMELITANI – XOGĦOL FUQ IL-BANKINI

5308. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid meta huwa maħsub li jibda x-xogħol fuq il-bankini ta' Triq il-Karmelitani f'Santa Venera?

11/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol mistenni jkun lest fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta Numru 41
17/11/2026

MALTA ENTERPRISE – SKEMI GĦALL-KUMPANIJI

5309. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont ta' kumpaniji li bbenefikaw minn xi waħda mill-iskemi ta' Malta Enterprise mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' wkoll jagħti t-tip ta' skema li bbenefikaw minnha kull kumpanija?

11/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

MBR – KUMPANIJI REĠISTRATI

5310. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jelenka n-numru ta' kumpaniji reġistrati mal-Malta Business Registry (MBR) fil-preżent?

11/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Il-Malta Business Registry (MBR), tul is-snin, irreġistrat 121,878 kumpanija, 52,408 minnhom huma attivi fuq ir-Reġistru.

Seduta Numru 41
17/11/2026

FDIS

5311. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' FDIs (Foreign Direct Investments) li ġew attirati lejn pajjiżna mis-sena 2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

11/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

STUDENTI MINN PAJJIŻI TERZI

5312. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew studenti minn pajjiżi terzi mill-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm applikazzjonijiet għal student visas u kemm minnhom kienu rejected?

11/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PBS – IMPJEGATI LI GĦANDHOM RWOL MAL-GVERN

5314. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3518, fejn intqal li "L-informazzjoni kif mitluba jkun għalhekk jeħtieġ eżerċizzju ta' verifika individwali dwar il-karigi, ir-rwoli jew l-impjiegi l-oħra ta' dawn il-persuni, inklużi dawk li mhumiex impjegati tal-PBS.", ladarba din il-verifika individwali issa saret, jista' l-Ministru jagħti l-informazzjoni mitluba f'din il-mistoqsija parlamentari fl-intier tagħha?

11/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: M'għandix x'inżid mat-tweġiba li tajt lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3518. Intenni li l-Gvern ma jaqbilx mal-istrateġija li qed taddotta l-Oppożizzjoni kontra professjonisti serji u ta' fehmiet politiċi differenti, li qed jaqdu dmirhom fit-twassil ta' informazzjoni bl-aktar mod serju.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PBS – BORD EDITORJALI – LINJI GWIDA U MEKKANIŻMI INTERNI

5315. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5164, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-linji gwida applikabbli mill-Bord Editorjali tal-PBS u l-mekkaniżmi interni tiegħu li rrefera għalihom fl-istess tweġiba?

11/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: M'għandix x'inżid mat-tweġiba li tajt lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5164.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IL-MARSA – PROĠETT TAL-ARTS AND CULTURE HUB

5316. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim ta' finanzjament Ewropew għall-proġett tal-Arts and Culture Hub fil-Marsa, li għalih ġew allokati €15-il miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)? Jista' jgħid x'inhuma l-miri u d-dati stipulati għat-twettiq tal-proġett?

12/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

IL-MARSA – PROĠETT TAL-ARTS AND CULTURE HUB

5317. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi d-data stabbilita għall-bidu tax-xogħlijiet prinċipali u għat-tlestija tal-proġett tal-Arts and Culture Hub fil-Marsa?

12/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

RAPPORT DWAR IL-POPOLAZZJONI

5362. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid għand min kien qed jinżamm ir-rapport sħiħ dwar il-popolazzjoni li kien ipprepara u ppreżenta lill-Prim Ministru fl-2018, bejn l-2018 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 5203.

Seduta Numru 41
17/11/2026

RAPPORT DWAR IL-POPOLAZZJONI

5363. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn qabel it-8 ta' Novembru 2026, ir-rapport dwar il-popolazzjoni li kien ipprepara u ppreżenta lill-Prim Ministru fl-2018 qatt ma kien issemma fit-tmien snin ta' qabel? Jista' wkoll jispjega x'inbidel mill-2018 sal-2026 biex ħass li kellu jitkellem dwaru wara daqstant snin?

12/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 5203.

Seduta Numru 41
17/11/2026

PROĠETT TAL-AFTERCARE CLINIC

5379. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid minn fejn jopera l-proġett tal-Aftercare Clinic għall-annimali?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – GĦAJNUNA VETERINARJA – ANNIMALI MEĦUDA ĠEWWA L-GĦAMMIERI

5380. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid minn meta bdew jittieħdu direttament ġewwa l-Għammieri għall-għajnuna veterinarja l-annimali misjuba mill-ambulanza tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, minflok jittieħdu ġewwa klinika?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – VETERINARJI/STAFF MEDIKU

5381. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm veterinarji u staff mediku jaħdmu mad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, biex dan is-servizz ikun jista' jingħata 24 siegħa kuljum u b'hekk l-annimali li jiġu salvati, jingħataw il-kura meħtieġa?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali għandu żewġ veterinarji assistiti minn Veterinary Technical Officer (VTO). Sabiex jiġi żgurat li l-annimali salvati jkollhom aċċess għall-kura veterinarja meħtieġa f'kull ħin, inkluż f'każijiet ta' emerġenza, il-ħidma tal-veterinarji tad-Direttorat hija ssupplimentata b'arranġamenti ma' kliniċi veterinarji privati meta l-veterinarji tad-Direttorat ma jkunux disponibbli.

Seduta Numru 41
17/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – OPERAT TAL-VETERINARJI – ANNIMALI MIĠBURA

5382. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew miġbura annimali, minn meta l-operat tal-veterinarji qed isir minn ġewwa l-Għammieri stess, u x'annimali kienu? Tista' tgħid ukoll kemm minn dawn l-annimali ġew imraqqda, maqsuma skont it-tip ta' annimal? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm talba biex ikun hemm investigazzjoni fuq l-operat tal-veterinarji ġewwa l-Għammieri?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – KLIEB IKKONFISKATI F'BENGĦAJSA

5383. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid għalfejn klieb li ġew ikkonfiskati minn uffiċjali tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali minn post ġewwa Bengħajsa fuq allegat negliġenza, ingħataw għall-addozzjoni fl-immedjat? Tista' tgħid ukoll x'ser jiġri wara li l-Qorti ddeċidiet li dawn il-klieb kellhom jiġu rritornati lura għand is-sid?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – RWOLI

5384. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti deskrizzjoni ċara tal-irwoli kollha tal-impjegati li preżentement jaħdmu ġewwa d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 41
17/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – PERMESSI GĦAL BILLBOARDS

5413. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-permessi kollha maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għal billboards, kemm permanenti kif ukoll temporanji, li kienu jew għadhom installati fil-lokalitajiet ta' Raħal Ġdid, Ħal Tarxien, Santa Luċija, il-Fgura u l-Gudja, matul il-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jindika l-post eżatt ta' kull billboard, id-data tal-ħruġ tiegħu u l-perjodu ta' validità?

13/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 5413, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar toħroġ permessi għal billboards, iżda l-ħruġ ta' permess mhux neċessarjament ifisser li l-billboard ikun ġie installat. Għaldaqstant, l-Awtorità ma jkollhiex informazzjoni dwar liema mill-billboards koperti minn tali permessi kienu jew għadhom effettivament installati fil-lokalitajiet imsemmija. Rigward liċenzjar tal-operaturi nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 41
17/11/2026